# Żjara ta' Mons. Pietru Duzzina f'Birkirkara



Fil-waqt li nesa l-ġid li kien ra mill-Ordni, l-Isqof Royhs fil-1574 ġieb quddiem il-Papa ħtijiet kontra il-Granmastru La Cassiere. Dan mal-kunsill tiegħu xegħel, iżda l-Isqof, biex juri li kulma kiteb kien minnu, talab lill-Papa biex jibgħat Delegat Appostoliku u jara kollox hu. L-Ordni kien beda jitlef mill-fama qaddisa li kellu u għalhekk il-Papa wettaq it-talba ta' l-Isqof u bagħat lil Monsinjur Pietru Duzzina bħala Delegat Appostoliku, Inkwiżitur u Viżitatur Ġenerali, f'dawn il-gżejjer, fil-bidu ta'Awissu ta' sena.

Mons. Duzzina beda x-xogħol tiegħu. Hawn aħna mhix biċċa tagħna l-kwistjoni li nqalet bejn dawk iż-żewġ kapijiet tal-gżira u għalhekk ingħidi għal-żjara pastorali li l-papa wara ġiegħel lil Duzzina biex jagħmel lid-djoċesi kollha wara li żar il-katidral u l-parroċċa tan-Naxxar, id-Delegat Appostoliku qabad dik ta' Birkirkara li l-kappillan ta' dak iż-żmien kien Dun Ġużepp Bellia li milli jidher kien jinqala u miġjub ħafna mill-Isqof ta' qabel (Mons. Cubelles).

Ara kemm hu hekk illi meta tkellimna mill-assedju konna għedna li kien ma' l-Isqof u nafu wkoll li wara din il-gwerra l-Isqof kien ġie ġo Birkirkara u talab lil dak il-Kappillan biex imur għas-servizz tiegħu f'Saragosa fi Spanja u sa ma reġa lura ħa ħsieb il-parroċċa Dun Anton Micallef. Madanakollu ma nistgħux nibqgħu sejrin b'dan it-tifħir meta niltaqgħu ma' Dun Ġużepp Bellia bħal ragħaj ta' l-erwieħ fit-30 ta' Jannar 1575 Mons. Duzzina telaq mill-kunvent ta' Santu Wistin tar-Rabat biex jagħmel żjara lill-parroċċa ta' Birkirkara. In-nies ta' hawn kienu jafu li ġej u marru jilqgħuh ħdejn Ħ'Attard li kien għadu jagħmel ma' din il-parroċċa kif kien hemm fetaħ iż-żjara pastorali fil-Knisja ta' Santa Marija u wara baqa' ġej fil-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara.

Issa ma jridx wieħed jinsa li din iż-żjara ma kenitx ħlief għaxar snin wara l-Assedju l-Kbir u l-Knejjes kienu għadhom aktarx jixhdu l-qerrieda tat-Torok, kif għedna meta tkellimna minn dik il-gwerra li aħjar inġibu x-xjara kolla kif insibuha fil-waqt li inħallu barra xi bċejjeċ li ma għandhom x'jaqsmu ma' l-istorja ta' idejn. Hekku mill-Latin ta' dak iż-żmien għall-Malti tal-lum.

Kav. Frank Borda Vassallo